# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2013

# It-Tieni Sessjoni

# Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ

# Il-Ħin: 30 minuta

**Il-KARTA TAL-EŻAMINATURI**

**NOTA:**

**L-eżami kollu jinqara minn narraturi li leħinhom huwa rrekordjat fuq diska kompatta. Dan l-iskript jinqara BISS f'każ li d-diska kompatta ma taħdimx.**

**Merħba.**
**Matul is-sessjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.**
**Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.**
**Kull silta, flimkien mal-eżerċizzji, se tinqara darbtejn.**
**Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġni 2 u 3.**

-------------- *Waqfa ta' 10 sekondi* ---------------

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tal-ewwel silta.**

-------------- *Waqfa ta' 25 sekonda* ---------------

**Issa se tinqara l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tal-Ewwel Silta: Ir-Rapport tat-Temp**

Nagħtu ħarsa lejn it-temp kif se jkun illum it-Tnejn sebgħa ta' Frar. It-temp mistenni jkun bnazzi. L-ogħla temperatura se titla' sa tmintax-il grad *Celsius* u l-inqas waħda tinżel sa ħmistax-il grad. L-umdità hi ħamsin fil-mija. Ir-riħ ftit qawwi mill-Punent. L-indiċi tar-raġġi UV huwa erbgħa. Il-viżibiltà mistennija tkun tajba ħafna.

Issa se nagħtu ħarsa lejn ix-xita li niżlet ilbieraħ fil-Gżejjer Maltin: Ħal Luqa erba' millimetri xita u r-Rabat Għawdex sitt millimetri.

Ix-xita li tkejlet mill-ewwel ta' Settembru 'l hawn hija tliet mija u ħamsin millimetru.

Naraw x'inhuma l-kundizzjonijiet tal-baħar illum. It-temperatura tiegħu se tkun sittax-il grad *Celsius*. L-Uffiċċju Meteoroloġiku javża lis-sajjieda u lill-baħħara li waranofsinhar il-baħar se jkun qawwi ħafna.

Nagħtu ħarsa lejn it-temp u t-temperaturi tal-jiem li ġejjin:

- It-Tlieta se jkun hemm xi ħalbiet tax-xita bir-ragħad kultant, u t-temperatura mistennija tilħaq is-sittax-il grad.
- L-Erbgħa u l-Ħamis it-temp mistenni jkun imsaħħab b'xi waqtiet xemxin. It-temperatura se tilħaq is-sbatax-il grad.
- Għal tmiem il-ġimgħa mistennija maltempata bir-ragħad. Il-Ġimgħa u s-Sibt it-temperatura se tinżel għal għaxar gradi. Ir-riħ se jkun mill-Grigal b'qawwa ta' riefnu.

Illum ix-xemx telgħet fis-sebgħa u tnax-il minuta u se tinżel fil-ħamsa u tlettax-il minuta.

**Tmiem l-ewwel silta**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

**Numru wieħed:**
Is-sena d-dieħla t-temp se jkun sabiħ.
Din **Ma ssemmietx**. Għalhekk għamilt sinjal fil-kaxxa ħdejn **Ma ssemmietx**.
Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**
Ilbieraħ m'għamlitx xita fil-Gżejjer Maltin.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**
Illum il-baħar se jkun kalm ħafna.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**
Matul din il-ġimgħa se tagħmel ix-xita.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**
Bil-maltemp se jinqata' d-dawl.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**
Ix-xemx titla' ftit wara s-sebgħa u tinżel ftit wara l-ħamsa.
Veru, Falz jew Ma ssemmietx?

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa li qrajtlek Taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal Taħriġ B.**

**Taħriġ B. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

F'Kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:
Illum is-sebgħa ta' Frar...
F'Kolonna B din is-sentenza tkompli...
it-temp mistenni jkun bnazzi.

Għalhekk ktibt in-numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha.

Mela s-sentenza sħiħa tiġi:
Illum is-sebgħa ta' Frar it-temp mistenni jkun bnazzi.

**Issa se naqralek Kolonna A u wara Kolonna B. Waqt li qed naqra, tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.**

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | Illum, l-ogħla temperatura se titla' sa... |
| Numru tlieta: | L-indiċi tar-raġġi UV huwa... |
| Numru erbgħa: | Minn Settembru 'l hawn... |
| Numru ħamsa: | L-Erbgħa u l-Ħamis it-temperatura se titla' sa... |
| Numru sitta: | Il-Ġimgħa u s-Sibt... |

**Issa se naqralek Kolonna B:**
... erbgħa.
... sbatax-il grad.
... ir-riħ se jkun mill-Grigal.
... niżlet tliet mija u ħamsin millimetru xita.
... tmintax-il grad.

-------------- *Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

-------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa se tinqara t-tieni silta. Nitolbok issib paġna 4 u paġna 5.**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.**

--------------- *Waqfa ta' 25 sekonda* ---------------

**Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Il-Qari tat-Tieni Silta: Għal fuq, xbin?**

*Mara:* Tgħid din hi l-karozza li rridu nirkbu?

*Raġel:* Ħa nistaqsih... Din tgħaddi minn Wied il-Ġiżimin, jekk jogħġbok?

*Xufier:* Iva sieħbi, itilgħu. Dalwaqt nitilqu għax din tal-għaxra u nofs.

*Mara:* Għall-erwieħ jaħasra. Grazzi ħafna. Ħsibna li tlifnieha l-aħħar waħda. Ma kellniex aptit nieklu mixja bil-kif!

*Xufier:* Le, serraħ moħħok ħi, għad baqagħli ħames minuti oħra biex nitlaq. Jien għad għandi ġirja ġmielha għax billi din hi l-mija, wieħed u erbgħin irrid nitla' sa Ħal Qronfol u nispiċċa l-vjaġġ f'Wied il-Bużbież. Ngħid is-sewwa bħalissa jkolli seba' mitt sena sa ma nasal id-dar u ninġabar. Ili barra minn sbieħ Alla u nħossni għajjien mejjet.

*Raġel:* Għandek raġun, ħabib. Ix-xogħol tagħkom mhux faċli, għax intom tridu tħabbtu wiċċkom ma' ħafna nies u ssibu minn kollox.

*Mara:* U mhux kull xogħol fih tiegħu! Jien ma nħabbatx wiċċi ma' klassi kollha tfal? U mqarqċin sew ta, ħa ngħidlek!

*Xufier:* Veru li kull xogħol fih id-diffikultajiet tiegħu, imma sinjura, kemm hu aħjar li tkun fil-klassi! Int daqqa tirrabja u daqqa tidħak xi waħda. It-tfal idaħħkuk bil-praspar li jagħmlu. Jien hawn wiċċi dejjem mal-istering u ħlief traffiku ma narax. Jekk tieqaf ftit jew issuq bil-mod, ta' warajk jibda jpaqpaqlek il-ħorn. Issa jien kif nista' ma niqafx, għiduli intom!

Barra minn hekk, in-nies igorru għal kull ħaġa ta' xejn: issa dak għax tajtu ħafna żgħar, imbagħad l-oħra għax waqqaftilha tikka 'l bogħod, l-oħra għax waqqaft bis-salt u kienet għoddha waqgħet, u dejjem b'xi ħaġa. Rari nsib xi tnejn min-nies bħalkom ma' min ngħid kelma.

*Mara:* M'intix tgħid ħażin, sieħeb, għax aħna malajr inkunu lesti biex nikkritikaw lil ħaddieħor u m'aħniex lesti li nirringrazzjaw u nagħdru lill-oħrajn.

*Raġel:* Dejjem dan ix-xogħol għamilt, ħabib?

*Xufier:* Le, mhux dejjem kont insuq. Jien propjament kont bin-negozju, imma ma tantx mort tajjeb. Għal dak ix-xogħol trid tkun lest li tqatta' ħafna ħin bogħod mid-dar u kien ikolli nsiefer ukoll. Din li ma kienx ikolli ħin għall-mara u t-tfal ma kinitx togħġobni. Għalhekk iddeċidejt li nitlaq. Almenu f'dax-xogħol għandi jiem ta' mistrieħ u nista' ngawdi aktar lil tad-dar.

*Mara:* M'hawnx għalik, sieħeb. Għamilt għażla għaqlija. Sejrin?

*Xufier:* Iva, tlaqna bil-mod għax sar il-ħin. Mil-lum 'il hemm meta tarawni waqqfuni.

**Tmiem it-tieni silta**

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ A.**
**Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

**Numru wieħed:** Din il-konverżazzjoni saret:
a) fi klassi.
b) f'ħanut.
ċ) **fuq il-karozza tal-linja.**

It-tweġiba t-tajba hija **ċ) fuq il-karozza tal-linja**. Għalhekk għamilt linja taħtha.

**Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.**

**Numru tnejn:** Dawn in-nies kienu qed jitkellmu:
a) f'nofsinhar.
b) filgħaxija.
ċ) filgħodu.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:** Il-karozza kellha numru:
a) mija, sitta u sebgħin.
b) mija u erbatax.
ċ) mija, wieħed u erbgħin.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:** Il-mara kienet:
a) taħdem f'uffiċċju l-Belt.
b) gwida tat-turisti.
ċ) għalliema fi skola.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:** Ix-xufier se jtemm il-vjaġġ tiegħu:
a) f'Ħal Qronfol.
b) f'Wied il-Bużbież.
ċ) f'Wied il-Ġiżimin.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:** L-espressjoni ***'minn sbieħ Alla'*** tfisser:
a) minn filgħaxija tard ħafna.
b) minn nofsinhar 'il quddiem.
ċ) minn filgħodu kmieni ħafna.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Issa se naqralek Taħriġ B.**
**Taħriġ B. Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

**Numru wieħed:**
Qabel ma kien isuq, ir-raġel kellu **negozju**.
It-tweġiba t-tajba hija **negozju**. Mela fil-linja l-vojta nikteb **negozju**.
Issa se naqralek il-bqija tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tnejn:**
Hu kien ikollu jsiefer u ma tantx kien ikollu __________________għall-familja.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru tlieta:**
__________________jiltaqa' ma' ħafna diffikultajiet fit-toroq.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru erbgħa:**
Mhux darba jew tnejn jispiċċa jkollu __________________fit-traffiku.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru ħamsa:**
Ġieli jkun hemm xi passiġġier li joqgħod __________________għal kull ħaġa ta' xejn.

--------------- *Waqfa ta' 3 sekondi* ---------------

**Numru sitta:**
Rari jsib lil xi ħadd li jgħidlu grazzi jew li joqgħod __________________miegħu. Basta mhux waqt li jkun qed isuq!

--------------- *Waqfa ta' 10 sekondi għal min ikun għadu jikteb* ---------------

**Se terġa' tisma' s-silta u t-taħriġ għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzji.**

--------------- *Is-silta u t-taħriġ jerġgħu jinqraw, bl-istess waqfiet* ---------------

**Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**

--------------- *Waqfa ta' 2 minuti* ---------------

**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa. Saħħa!**